MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2010

Numru. 288/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**
**Francis sive Frank Rapa bin Paul u Salvina nee' Mizzi, imwieled fis-16 ta' Lulju, 1960 u residenti Flat 2, Bini tal-Gvern,**
**Triq it-Tabib Anton Tabone, Rabat, Ghawdex, detentur tal-karta**
**tal-identita' numru 40660(G)**

**U**
**Kenneth Rapa bin Frank Rapa u Emanuela nee' Azzopardi,**
**imwieled fl-24 ta' Frar, 1985 u residenti Flat 2, Bini tal-Gvern,**
**Triq it-Tabib Anton Tabone, Rabat, Ghawdex, detentur tal-karta**
**tal-identita' numru 18685(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra ’l hawn fuq imsemmija Francis sive Frank Rapa u Kenneth Rapa li gew akkuzati talli nhar it-8 ta’ Marzu, 2008 bejn 10:00hrs u 12:00hrs f’bicca art imsejha ta’ Xhajma limiti tax-Xewkija, Ghawdex:

1) Ikkommettew vjolazzjoni kontra l-proprjeta’ ta’ Teddy u Joseph Paul Rapa minn Nadur, Ghawdex;
2) Bla hsieb li jisirqu jew jaghmlu hsara kontra l-ligi izda biss sabiex jezercitaw xi dritt li jippretendu li ghandhom kontra l-volonta’ tas-sid l-proprjeta’ dahlu fil-proprjeta’ ta’ Teddy u Joseph Paul Rapa;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Semghet trattazzjoni;

Ikkunsidrat;

Illi qabel xejn id-difiza tikkontendi illi l-post indikat fl-akkuza huwa hazin billi l-art imsejha ‘Ta’ Xhajma’ tinsab in-Nadur u mhux ix-Xewkija u ghalhekk l-imputati ghandhom jigi liberati mill-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom. Illi l-Qorti ma taqbilx ma din il-linja difenzjonali stante fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza ma kienx hemm dubju dwar liema proprjeta’ kienet tirreferi l-akkuza. Di piu’ fis-seduta tat-2 ta’ Ottubru, 2009, id-difiza qablet illi bhala fatt l-imputati fil-hin u fil-gurnata in kwistjoni kienu jinstabu fil-proprjeta’ ‘Ta’ Xhajma’ u ghalhekk il-Qorti qed tichad din l-eccezzjoni sollevata mid-difiza;

Illi dwar il-fatti tal-kaz jidher illi ma hemmx kontestazzjoni illi fil-gurnata mertu tal-kawza l-imputati kienu mpeduti b’digriet tal-Qorti milli jidhlu f’din il-proprjeta’ u illi fl-20 ta’ Dicembru, 2007, il-parti leza giet mghoddija c-cvievet tal-

post mill-Marixxal tal-Qorti. Ghaldaqstant l-imputati ma setghux jidhlu fil-proprjeta’ in kwistjoni billi la kellhom il-pussess u lanqas il-proprjeta’ tal-istess, liema pussess kien f’idejn il-parti leza;

Kwindi l-akkuzi jirrizultaw ippruvati u l-Qorti wara li rat l-Artikoli 340 u 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputati hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom u tikkundannahom multa kull wiehed u mitt ewro (€100).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------